MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 835/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**MICHAEL RIZZO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Rizzo ta' 29 sena, bin Emmanuel u Dolores nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar l-20 ta' April, 1977, residenti fil-fond numru 4, Triq San Frangisk, Paola, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 223577M;

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet bejn Novembru 2005 u Frar 2006 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta’ V&C Contractors Ltd tal-Mosta;

2. U kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

4. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

5. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

6. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7. U aktar talli b’hekk kiser il-provediment tal-Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi

zmien tmintax(18)-il xahar, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar is-6 ta' Gunju, 2005;

8. U kif ukoll talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 5 ta' Marzu 2001 u 26 ta' April 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 210(1)(b), 183, 184, 187(1),(2), u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Michael Rizzi hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------